MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 121/2004

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 20 ta' April 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fl-20 ta' Jannar 1983 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal – Karen li llum ghandha ghoxrin (20) sena u Lyzanne li llum ghandha sbatax-il (17) sena;

Illi l-konvenut kemm-il darba rrenda ruhhu hati ta' sevizzi, ingurji u vjolenza fil-konfront ta' l-attrici, kif ukoll ulied tal-partijiet;

Illi z-zwieg bejniethom tkisser irrimedjabilment tort unikament l-istess konvenut;

Illi minkejja li l-konvenut gie debitament mgharraf b' laqgha ta' medjazzjoni fi hdan l-Onorabbli Qorti tal-Familja, quddiem il-Medjatrici d-Dottoressa Monica Galea, huwa minn jheddu u minghajr raguni valida ddecieda li ma jattendix;

Illi l-attrici tinsab awtorizzata tipprocedi ghal firda personali *ai termini* tad-Digriet datat 6 ta' April 2004;

Illi, l-istess attrici talbet lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-konjugi kontednenti minhabba htija unikament da parti tal-konvenut;

2. Tapplika l-effetti u l-penalitajiet stabbiliti fl-**Artikoli 48 u 51 tal-Kap 16** kontra l-konvenut;

3. Tordna lill-konvenut jirrestitwixi lill-attrici l-beni parafernali taghha u jhallasha l-krediti personali taghha;

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici dak il-manteniment ghaliha u ghall-minuri Lyzanne li jigu stabbiliti pagabbli kif jigi ordnat;

5. Tordna li l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti tispicca u tillikwida l-istess komunjoni b' talba li l-kirja tad-dar matrimonjali tigi assenjata lill-attrici;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut millum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 4 u 5 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet nota guramentata moghti lill-attrici fis-7 ta' Awissu 2004 fejn giet mitluba telenka fil-qasir il-pretensjonijiet taghha, bin-notifika tal-kontro-parti li wkoll permezz ta' nota guramentata ghandu jindika fejn ma jaqbilx.

Rat id-digriet tal-affidavit u nomina tal-Perit Legali, fejn il-Qorti ppreﬁggiet lill-attrici tletin (30) gurnata sabiex tipprezenta l-provi kollha li tista' permezz tal-procedura tal-affidavit u gie Dr. Richard Sladden biex jigbor il-provi u jirrelata.

Rat in-nota tal-attrici datata 22 ta' Ottubru 2004, a fol. 18, li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha u n-nota guramentata.

Rat il-verbal datat 8 ta' Frar 2005 fejn il-Qorti ppreﬁggiet terminu ta' ghoxrin (20) gurnata lill-konvenut biex jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet bil-visto / notifika lid-difensur tal-kontro-parti, li jkollu ghoxrin (20) gurnata biex jirrispondi. Il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Perit Legali Dr. Richard Sladden ghax kien jidher li m' hemmx aktar bzonn ta' tali nomina, b' dan li l-Perit Legali kellu jithallas id-dritt tieghu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett t' ostakolo ghas-16 ta' Marzu 2005.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali minn fol. 38 sa fol. 40 tal-process.

Rat li l-konvenut *nonostante* li notifikat ma pprezenta l-ebda nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat ix-xhieda prodotta.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### II. <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenut huwa hati fil-konfront ta' l-attrici ta' eccessi, sevizzi u ngurji gravi, u dan

l-aktar peress li mill-affidavit ta' l-attrici rrizulta li l-istess konvenut kien vjolenti fil-konfront ta' martu, u dan tul l-istess zwieg kollu, tant li kien hemm okkazjonijiet fejn l-attrici kienet kostretta titlaq mid-dar. Hemm diversi ncidenti ta' vjolenza anke sfortunatament fil-konfront tat-tfal, li llum huma maggorenni, u fil-fatt saru wkoll diversi rapporti lill-Pulizija dwar dan l-agir abbusiv tal-konvenut.

Jirrizulta wkoll li s-sitwazzjoni giet anke aggravata mill-fatt li l-istess konvenut ghandu wkoll il-vizzju tax-xorb.

Illi fil-fatt ix-xhieda ta' l-attrici bl-ebda mod ma giet kontrastata, anke peress li l-konvenut baqa' ma rrispondiex ghac-citazzjoni attrici, u dan l-atteggjament tieghu jidher li hu konsistenti mal-fatt li huwa lanqas ta kaz dawn il-proceduri, anke peress li jidher li minkejja li nghata l-opportunita' li jidher quddiem medjatur, qabel l-istituzzjoni ta' din il-kawza, hemm ukoll il-konvenut baqa' ma kkoperax.

Illi fid-dawl tal-premess l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha ghall-htijiet unikament imputabbli lill-konvenut.

Illi t-tieni talba wkoll ghandha tigi milqugha b'dan li ghandhom jigu applikati kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** fl-*intier* taghhom.

Illi dwar ir-raba' talba attrici jirrizulta illi l-konvenut jahdem bhala Taxi driver, u din il-Qorti thoss li a bazi tax-xhieda attrici t-talba taghha sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' sebghin lira fil-gimgha bhala manteniment ghaliha ghandha tigi milqugha. Ghall-manteniment tal-minuri dan illum ma japplikax peress li t-tfal tal-kontendenti huma t-tnejn maggorenni.

Illi b'konsegwenza tat-talbiet attrici tordna wkoll li l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ghandha tigi xolta b'effett mit-8 ta' Marzu 2004 b'dan li minhabba n-natura vjolenti u aggressiva tal-konvenut il-kirja ta' dak li kienet id-dar matrimonjali 106, 'Micfam' 4, Triq Sant' Antnin, San Gwann ghandha tigi assenjata lill-attrici b'dan

illi hija tkun responsabbli ghall-hlas ta' kull kera taghha dovuta lil terzi, u *arbitrio boni viri* tillikwida u tiddividi l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet b'dan illi qed jigu assenjati wkoll lill-attrici l-karozza tal-marka Toyota reg. No. JKL-625 flimkien ma' kull kont bankarju li jinsab f'isimha, u kull investiment f'isem l-attrici fil-Malta funds tal-valur ta' cirka elf lira Maltin. Il-konvenut qed jigi assenjat bil-karozza Skoda Super B u kull kont bankarju li jinsab f'ismu. Fl-ahharnett l-Opel BBI-275 ghandha tigi assenjata lil bint il-partijiet Karen Genovese, u dan anke peress li l-istess karozza thallset minn bint il-kontendenti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, filwaqt li tichad it-tielet talba attrici *stante* nuqqas ta' provi, **tilqa' t-talbiet attrici l-ohra** biss fis-sens hawn premess, b'dan illi:-

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-konjugi kontendenti minhabba htija unikament da parti tal-konvenut u dan *stante* li kien hati *verso* l-attrici ta' eccessi, sevizzi nkluz vjolenza u ngurji gravi fil-konfront ta' l-attrici u ta' wlied il-partijiet, b'dan ghalhekk li l-hajja konjugali bejn il-partijiet giet resa mpossibbli;

2. Tapplika l-effetti u l-penalitajiet stabbiliti fl-**Artikoli 48 u 51 tal-Kap 16** kontra l-konvenut u dan fl-*intier* taghhom;

3. Tichad it-tielet talba attrici *stante* nuqqas ta' provi;

4. Tilqa' parzjalment din it-talba fis-sens li tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-ammont ta' sebghin lira Maltin (Lm70) fil-gimgha bhala manteniment ghaliha, u dan permezz ta' pagamenti kull gimgha bil-quddiem fir-residenza taghha. It-talba ghall-manteniment tal-minuri qed tigi michuda peress li llum ulied tal-kontendenti huma t-tnejn maggorenni;

5. Tilqa’ din it-talba u tordna li l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti tispicca u dan b’effett mit-8 ta’ Marzu 2004.

Illi din il-Qorti tordna li ssehh il-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet *arbitro boni viri* u bil-mod segwenti:-

a) Illi l-attrici qed tigi assenjata l-kirja ta’ dak li kienet id-dar matrimonjali numru 106, ‘Micfam’ 4, Triq Sant’ Antnin, San Gwann b’dan illi hija tkun responsabbli ghall-hlas ta’ kull kera taghha dovuta lil terzi; il-karozza tal-marka Toyota reg. No. JKL-625; kull kont bankarju li jinsab f’isimha; u kull investiment f’isem l-attrici fil-Malta Funds tal-valur ta’ cirka elf lira Maltin (Lm1,000).

b) Illi l-konvenut qed jigi assenjat il-karozza Skoda Super B; u kull kont bankarju li jinsab f’ismu.

c) Illi fl-ahharnett il-karozza Opel BBI-275 ghandha tigi assenjata lil bint il-partijiet Karen Genovese, u dan anke peress li l-istess karozza thallset minn bint il-kontendenti;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------